

MT

# ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY

# 2024 / 2025

## FULJETT STAĠUN

NAPA National Agency for the Performing Arts

ŻFINMALTA
NATIONAL DANCE COMPANY

# 2024 / 2025

## FULJETT STAĠUN

NAPA National Agency for the Performing Arts



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

## TAĦT ID-DIREZZJONI ARTISTIKA TA' MATTHEW WILLIAM ROBINSON

ŻfinMalta hija forza radikali fis-settur taż-żfin, li tesplora b'mod kritiku in-natura multidimensjonali tas-soċjeta kontemporanja, tisfida u timmaġina mill-ġdid id-dinamika tal-moviment u r-rappreżentazzjoni tagħna fis-soċjeta'.

Permezz tal-integrazzjoni ta' perspettivi diversi u prattiki innovattivi, ŻfinMalta tfittex li tesplora u tartikola paradigmi ġodda t'espressjoni fiżika.

ŻfinMalta tegħleb il-konfini u l-konvenzjonijiet tradizzjonali taż-żfin, billi tuża firxa ta' metodi artistiċi biex tistaqsi u tirrifletti fuq l-intersezzjonijiet kulturali li qed jevolvu, inkluż tat-teknoloġija u tal-identita' tagħna.

Qed naspiraw li noħolqu spazju fejn jiġu rikonoxxuti u eżaminati fil-fond perspettivi diversi, billi nrawmu djalogu rikk bejn Malta u l'bqija tad-dinja.

Fit-tfittxija tagħna għall-eċċellenza artistika u r-rigorożita intellettwali, ŻfinMalta tagħmel ħilitha biex tispira diskors maħsub u bidla trasformattiva.

L-għan tagħna huwa li nimbuttaw kontinwament il-fruntieri taż-żfin, inkabbru r-rwol tagħna fis-settur u nisfidaw lill-udjenzi tagħna biex jaħsbu dwar ir-rwol taż-żfin f'dinja li qed tevolvi b'rata mgħaġġla.



## DWAR IL-KUMPANIJA

ŻfinMalta hija ċentru għal kollaborazzjonijiet artistiċi innovattivi li jbiddlu il-moviment f'forza trasformattiva, li tiġbor firxa ta' vuċijiet artistiċi mill-qrib u mill-bogħod biex jinħoloq xogħol ta' żfin li jagħmel impatt viżwalment u fiżikament u li jiġbdu l-immaġinazzjoni tal-udjenzi fuq livell nazzjonali u internazzjonali. Imħaddna fl-ekoloġija artistika tan-nazzjon, ŻfinMalta tistinka biex tenfasizza lil Malta bħala ċentru kulturali vibranti fi ħdan il-kuntest Ewropew tal-prattika artistika.

Taħt id-direzzjoni artistika ta' Matthew William Robinson, il-kumpanija hija magħmula minn għaxar żeffiena, u żewġ apprendisti żeffiena, li ġejjin minn Malta u minn madwar l-Ewropa. Wara l-kwinti hemm tim b'ħila u passjoni kbira li jikkontribwixxu lill-kumpanija l-għarfien vast tagħhom tad-dinja tal-arti kontemporanja lokali u internazzjonali. Flimkien dawn jiffurmaw kumpanija taż-żfin li malajr qed tikseb rikonoxximent u reputazzjoni fuq livell Ewropew.





## NOTA MID-DIRETTUR ARTISTIKU

MATTHEW WILLIAM ROBINSON

Merħba għall-ewwel staġun tiegħi bħala Direttur Artistiku ta' ŻfinMalta, fejn ninsabu kburin li qed niċċelebraw l-għaxar anniversarju tal-kumpanija.

Meta ġiet stabilita ŻfinMalta, Malta ħadet deċiżjoni kuraġġuża li tistabbilixxi l-kumpanija taż-żfin nazzjonali tagħha bħala waħda kontemporanja—att viżjonarju li jgħaraf il-preżent li dejjem qed jevolvi. Dan l-impenn jirrifletti l-ambizzjoni u n-natura li taħseb 'l quddiem, u jien onorat li se mmexxi lil ŻfinMalta fil-kapitlu li jmiss tagħha bil-viżjoni artistika tiegħi.

ŻfinMalta mhix limitata għal stil ta' żfin wieħed. Minflok, aħna nisfruttaw perspettivi diversi u prattiċi innovattivi, u nesploraw l-intersezzjonijiet tal-kultura, it-teknoloġija, u l-uman. F'dan l-istaġun, se nesploraw kunċetti ta' identita—inkluż tagħna bħala kumpanija. Min konna? Min aħna? Min se nsiru? Hekk kif nirriflettu fuq il-passat u naħsbu fuq il-futur tagħna, ninsabu ambizzjużi dwaril-possibbiltajiet li ġejjin.

B'kollaborazzjoni m'artisti eċċezzjonali, dan l-istaġun se jħeġġeġ, jispira u jipprovoka djalogu maħsub, filwaqt li jisfida l-potenzjal poetiku tal-ġisem. Se niċċelebraw l-għaxar snin tagħna matul l-istaġun kollu, u b'ġimgħa speċjali ta' avvenimenti fl-2025 li tilħaq il-qofol tagħha f'ċelebrazzjoni. Aktar dettalji se jsegwu is-sena d-dieħla.

Kemm jekk ilek parti mill-vjaġġ ta' ŻfinMalta għal għaxar snin jew jekk bħali, int ġdid fil-kumpanija, nilqgħuk bi pjaċir. Nistennew bil-ħerqa li niċċelebraw miegħek dan l-istaġun u nkomplu l-vjaġġ ambizzjuż li beda għaxar snin ilu.

# WERREJ


**10** PRODUZZJONIJIET

**22** DALWAQT

**26** TAGĦLIM U PARTIĊIPAZZJONI

**32** ŻVILUPP PROFESSJONALI

**36** RIŻORSI ONLINE

**40** IL-KUMPANIJA

**12** **UTOPIA**
*koreografija ta'* **Emanuel Gat**
Fuq tour f'Musikè, Padua, u l-Festival tal-Ideat, Malta

**14** **ŻFINMADE 2024 - CORPOREALITY**
*koreografija ta'*
**Florinda Camilleri**, **Valentina Cauchi**, **Tara Dalli**, **Pamela Kerr**, **Sandra Mifsud**, **Sarah Vella**
Sitt korjografi minn Malta joħolqu sensiela ta' solos u dwetti maż-żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta.

**18** **ŻFINDAYS 2025**
*koreografija ta'*
**Liliana Barros**, **Kor'sia**, **Simon Riccardi-Zani**
Double-bill, tlett siltiet fuq sitt iljieli.

**24** **DECADE**
*koreografija ta'* **Thick & Tight**
Programm li jtul ġimgħa għall-għaxar snin anniversarju. Programm ta' wirjiet, parteċipazzjoni, u avvenimenti speċjali.

**24** **MORTAL HEROES**
*koreografija ta'* **Sita Ostheimer**
Xogħol ġdid għal ŻfinMalta fejn il-moviment u l-emozzjonijiet jiffurmaw għaqda b'saħħitha.

**28** **ĊAQLAQ – PROGRAMMI GĦALL-ISKEJJEL**
Immexxi miż-żeffiena ta' ŻfinMalta.

**28** **WORKSHOPS TA' MOVIMENT KREATTIV**
Attivitajiet imfassla ta' zvilupp professjonali u team building.

**30** **OPEN CLASSES GĦALL-KUMPANIJA**
Immexxi minn korjografi u artisti taż-żfin lokali u internazzjonali.

**30** **INTENSIVI TAŻ-ŻFIN**
Workshops tal-moviment, intensivi, u opportunitajiet ta' taħriġ fit-teknika taż-żfin.

**31** **IŻFEN MA' ŻFINMALTA**
Klassijiet filgħaxija għall-komunità.

**31** **PROVI MIFTUĦA GĦALL-PUBBLIKU**
Nieħdu lill-udjenzi wara l-kwinti matul il-proċess kreattiv.

**34** **AIR2024**
Programm għall-Artisti f'Residenza.

**34** **SESSJONIJIET FL-ISTUDJOS**
Aċċess miftuħ għall-ispazju kreattiv għall-artisti.

**38** **ŻFINBLINKS**
Filmati fuq il-ħolqien taż-żfin.

**38** **ŻFINSTORIES**
Stejjer taż-Żfin fuq film.

**38** **ŻFINMALTA PODCASTS**
Konverżazzjonijiet dwar iż-żfin.



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

# PRODUZZJONIJIET

## UTOPIA
*koreografija ta'* **Emanuel Gat**

**11 ta' Ottubru 2024**
Musikè, Ferrari Theatre, Padua

**8 ta' Novembru 2024**
Festival of Ideas, Casino Maltese Ballroom, Il-Belt Valletta

Il-koreografija, li hija prattika ta' organizzazzjoni ta' gruppi ta' nies fl-azzjoni, tista' u trid tkun mod kif tipponta lejn forom u sistemi ideali għall-individwi u s-soċjetajiet. Irrispettivament mill-kisba ta' dawn il-mudelli utopiċi, il-fatt li sistema korjografika turi evidenza ċara li hija ta' benefiċċju għall-grupp involut, huwa ta' valur kbir. Hija prattika ta' kuljum li tistinka biex tikseb - fi ħdan il-qasam artistiku - dak li ma jistax jintlaħaq (u probabbilment m'għandux post) fid-dinja reali.

***Utopia*** hija riżultat ta' kollaborazzjoni bejn Emanuel Gat u ż-żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta, ċelebrazzjoni tal-uniċità, il-virtwożità, l-ingaġġ, il-biża', is-sens ta' responsabbiltà u l-umanità tagħhom. F'nixxiegħa ta' kuxjenza korjografika, ***Utopia*** tfassal il-vjaġġi personali ta' għaxar individwi li qed ifittxu konnessjoni u jeżaminaw l-irwol tal-artist bħala kreatur fuq il-palk.

Emanuel Gat twieled fl-Iżrael u beda jiżfen mal-Kumpanija Liat Dror Nir Ben Gal qabel ma beda bħala koreografu indipendenti fl-1994. Il-kumpanija tiegħu Emanuel Gat Dance hija bbażata f'Marsilja, Franza. Fil-preżent huwa kklassifikat bħala wieħed mill-korjografi ewlenin u l-prolifiki fl-Ewropa. Matul l-aħħar 25 sena, ix-xogħol ta' Gat ġie ppreżentat f'ħafna mill-postijiet u l-festivals ewlenin madwar id-dinja.

**Koreografija, Mużika u Dwal** Emanuel Gat
**Disinn tal-Kostumi** Holly Knowles
**Mużika Addizzjonali** Chick-p

**Tul** 60 minutes
**Età** 5+

*Proġett mgħejun mill-**Ambaxxata Franċiża f'Malta**.*





*ritratt ta'* **Camille Fenech**

## ŻFINMADE 2024 – CORPOREALITY

**5/6/7/8 ta' Diċembru 2024**
Spazju Kreattiv, Il-Belt Valletta

***ŻfinMade*** huwa programm bjennali li jistieden sitt korjografi minn Malta biex joħolqu sensiela ta' solos u dwetti maż-żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta, kull wieħed iwieġeb għat-tema 'Il-ġisem tagħna f'dinja diġitali'. ***ŻfinMade*** jieħu l-forma ta' tlett siltiet kull lejl, esegwiti fuq erbat iljieli.

*biljetti* **kreattivita.org**

**Koreografija**
Florinda Camilleri, Valentina Cauchi, Tara Dalli, Pamela Kerr, Sandra Mifsud, Sarah Vella
**Dramaturgu** Victor Jacono
**Disinn tal-Kostumi** Holly Knowles
**Disinn tad-Dawl** Dali Aguerbi

**Tul** 70 minutes
kull xogħol madwar 18-il minuta
**Età** 5+

*Prodott b'kollaborazzjoni ma'* ***Spazju Kreattiv***.





*ritratt ta'* **Alexandra Pace**



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

**WANDERMUST 2.**
*koreografija ta'* **Florinda Camilleri**

Is-sensiela ta' riċerka ***wanderMust*** hija l-esplorazzjoni kontinwa ta' Florinda biex tiskopri modi ġodda, aktar reattivi u 'responsabbli ta' involviment f'ambjenti bbażati fuq is-solidarjeta, il-kura u l-kompassjoni. ***wanderMust 1.*** (2022) esplorat kif l-artisti jiżviluppaw sens ta' appartenenza f'kuntesti fejn iħossu li ma jappartjenux għal kollox. F' ***wanderMust 2.*** normi u prattiċi antropoċentriċi jiġu esplorati fi spazju ta' teatru tradizzjonali. Flimkien maż-żeffiena, Florinda tistaqsi: wieħed jista' jesperjenza t-teatru b'mod differenti, b'tali mod li l-bniedem ma jkunx il-protagonist (uniku) tar-rappreżentazzjoni? Bħal fl-iterazzjoni preċedenti ta' din is-serje, il-kamera hija applikata bħala medjatur ta' attenzjoni, biex tirrifletti t-tħabbil intrinsiku preżenti ta' korpi umani ma' teknoloġiji diġitali.

**AI I AM**
*koreografija ta'* **Valentina Cauchi**

Valentina tesplora l-kundizzjoni tal-bniedem f'dinja li tinbidel b'rata mgħaġġla, kultant bla sens,permezz ta' espressjoni riflessiva. Bl-użu tat-test bħala punt tat-tluq ix-xogħol jidħol fil-kumplessitajiet tal-bniedem, billi jfittex li jdawwal l-esperjenzi kondiviżi tagħna u l-emozzjonijiet tagħna f'realta inċerta.

***AI I AM*** tesplora r-relazzjoni li qed tevolvi bejn il-ġisem tal-bniedem u l-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li tirrifletti fuq il-kapaċita tal-AI li tbiddel il-perċezzjoni tagħna tal-identita fiżika tagħna stess, kif ukoll ir-relazzjoni tagħna mal-identitajiet artifiċjali. Ix-xogħol fl-aħħar mill-aħħar jistaqsi kif it-teknoloġija tfassal mill-ġdid l-espressjoni tagħna tal-inkarnazzjoni f'era diġitali.

**I AM LINKED, THEREFORE I AM**
*koreografija ta'* **Pamela Kerr**

***I am linked, therefore I am*** jesplora l-kumplessitajiet tal-ħajja fid-duwalita maħluqa mill-midja soċjali. Jidher li ngħixu fi stat kostanti ta' tensjoni bejn il-prezenza diġitali u l-persuna awtentiku. Infittxu validazzjoni filwaqt li nippruvaw noħolqu identita unika, irridu nibqgħu konnessi waqt li nissieltu b'sens ta' iżolament. Il-pressjoni biex tiġi ppreżentata verżjoni kkurata tal-ħajja onlajn tibqa' kostanti.

Nistgħu qatt verament naħarbu mid-duwalita tal-ħajja tagħna onlajn u offlajn, jew aħna għal dejjem maqbuda f'żfina bejn it-tnejn?

**EXTENSION**
*koreografija ta'* **Sarah Vella**

F'***Extension***, Sarah Vella tidħol fl-isfumaturi tal-emozzjoni, li tippermetti liż-żeffiena jgħixu fi spazju fejn jesprimu lilhom infushom. Ħajja, konnessa u kollettiva, il-prestazzjoni ssir djalogu bejn il-persuna, l-estensjoni tagħha u l-persuni l-oħra, li tistieden lill-udjenza biex tara vjaġġ li huwa kemm personali kif ukoll universali. ***Extension*** tistinka biex tgħaqqad l-essenza ta'dak li tfisser li tkun bniedem fid-dinja moderna tal-lum.

**ILLUSIO**
*koreografija ta'* **Sandra Mifsud**

Mill-mument tat-tnissil, l-umanita' tidħol għal tfittxija bla tarf, għall-kuntentizza u l-konnessjoni. Aħna u nikbru, dan ilvjaġġ jiżvolġi bħala żifna ħelwa u morra ta' sodisfazzjon tal-berqa u xenqa persistenti. Inbaħħru mewġ ta' ferħ u skuntentizza, infittxu kontinwament l-esperjenza jew l-oġġett li jmiss biex inwettqu b' mod momentarju x-xewqat tagħna. Illusio jesplora din l-interazzjoni dinamika, u jiżvela r-ritmu kumpless tat-tfittxija tagħna għat-tifsira u n-natura tranżitorja tal-kuntentizza f 'dinja interkonnessa diġitalment.

**UNTITLED**
*koreografija ta'* **Tara Dalli**

Angolu, xejra, linja, orjentazzjoni, oġġett, preġudizzju, drift, firxa, reġjun, triq, sett, ġenb, slant, marea, binarju, kunflitt, xaqq, tarf, punt, ibgħat.

# ŻFINDAYS 2025

**21/22/23/28 ta' Frar u 1/2 ta' Marzu 2025**
Valletta Campus Theatre

Programm annwali li jġib f'Malta koreografi li qed iħallu impatt fix-xena taż-żfin internazzjonali. ***ŻfinDays 2025*** jinkludi xogħlijiet ġodda ta' Liliana Barros (Portugall/Ġermanja), Simon Riccardi-Zani (Franza/Malta) u koreografija ġdida 'Somiglianza' minn Kor'sia (Italja/Spanja).

*biljetti* **zfinmalta.org**

**SOMIGLIANZA**
**(PRÉLUDE À L'APRÈS-MIDI D'UN FAUNE)**
*koreografija ta'* **Kor'sia**

***Somiglianza (Prélude à l'Après-midi d'un faune)*** huwa ġieħ ironiku u divertenti għall-ħolqien leġġendarju ta' Nijinsky u l-ballet modern rinomat tiegħu, L'apres-midi d'un faune. Il-Koreografija tgħaqqad xbihat fin de siecle ma' xeni eżotiċi, Somiglianza tesplora s-simboliżmu fis-soċjeta tal-Punent. Il-ħolqien ta' Nijinsky ta' L'apres-midi d'un faune ta' Debussy, wieħed mill-aktar ballet moderni famużi, iservi bħala punt tat-tluq għal Kor'sia biex juru l-viżjoni unika tagħhom tal-ikonografija taż-żfin. Billi tħaqqad xbiehat ta' tmiem is-seklu ma' divertiment kontemporanju, ix-xogħol huwa vjaġġ fl-istorja taż-żfin, interpretat mill-ġdid b'perspettiva moderna u innovattiva.

*Appoġġjat mill-*
***Istitut Kulturali Taljan tal-Belt Valletta.***

*biljetti* **zfinmalta.org***

**Koreografija** Kor'sia
Antonio de Rosa, Mattia Russo
**Mużika** Claude Debussy
*Prélude à l'Après-midi d'un faune* u Alejandro da Rocha
**Disinn tal-Kostumi** Luca Guarini
**Disinn tas-Sett u Dawl** Kor'sia
Antonio de Rosa, Mattia Russ

**Tul** 30 minutes
**Età** 5+

** Ixtri l-biljett tal-prestazzjoni tiegħek u attendi l-provi miftuħa b'xejn.*





**SOMIGLIANZA**

*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

**IGNIS**
*koreografija ta'* **Liliana Barros**

F'***IGNIS*** (Latin għal nar) ngħaddsu f'dinja ta' tqanqil profond. Il-koreografa Portugiża Liliana Barros tuża r-relazzjoni tal-każwalita' u r-rispons biex toħroġ enerġiji u emozzjonijiet profondi.

*Ninħarqu minn ġewwa, nisplodu.*
*Ejjew nixgħelu fil-kundizzjoni fiżika tagħna fil-ispazju.*
*Ma rridux ninħbew; irridu namplifikaw.*
*Ħalliha tixgħel, ħalliha taqbad dik ix-xrara.*
*Huwa impuls intern velenuż jew it-triq għall-imħabba u s-salvazzjoni?*
*Ejjew inkunu ġentili.*

***IGNIS*** hi qawwa trasformattiva, li tiffoka fuq l-emerġenza ta' enerġiji li ma jistgħux jiġu diretti, u tmexxihom bħallikieku fi pjan direzzjonali għall-ħelsiental-fiżiċita kollha li fihom.

*biljetti* **zfinmalta.org***

**Koreografija u Kunċett** Liliana Barros
**Kompożitur** Martin Mitterstieler
**Disinn tad-Dawl** Dali Aguerbi
**Disinn tal-Kostumi** Liliana Barros
**Kostumier** Linda Rowell

**Tul** 30 minutes
**Età** 5+



**AND THE OTHERS, ONE DAY WE PLAYED OUTSIDE FOR THE LAST TIME**

*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

**AND THE OTHERS, ONE DAY WE PLAYED OUTSIDE FOR THE LAST TIME**
*koreografija ta'* **Simon Riccardi-Zani**

***And the others, one day we played outside for the last time*** tkompli sensiela li bdiet fl-2022 ***Ones, in the shade of sandcastles***, korjografija ġdida għal ŻfinMalta, segwita minn ***Plus Ones, at the anchor of water lilies***, ikkummissjonata għall- Pavaljun Franko-Ġermaniż fil-Biennale ta' Malta 2024.

Din is-silta tirrifletti fuq dak li fadal - nies, ħolm, u pajsaġġi. Wara li sibna spazji għal tifsiriet ġodda f'***Ones*** u vvintajna stejjer ġodda f' ***Plus Ones***, x'jibqa' meta fl-aħħar noħorġu mis-santwarji personali tagħna? Kif tidher id-dinja reali, u għad hemm lok għall-esplorazzjoni, il-logħob, id-djalogu?

*Appoġġjat mill-**Ambaxxata ta' Franza f'Malta**.*

*biljetti* **zfinmalta.org***

**Koreografija** Simon Riccardi-Zani
**Dramaturgu/Assistent Koreografu** Alix Coudray
**Disinn tal-Kostumi** Zoe Camilleri
**Produttur tal-Films u Direttur** James Vernon
**Disinn tad-Dawl** Dali Aguerbi

**Tul** 30 minutes
**Età** 5+

**Ixtri l-biljett tal-prestazzjoni tiegħek u attendi l-Open Rehearsal b'xejn.*



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

# DALWAQT

Kompli segwi l-midja soċjali ta' ŻfinMalta għal aktar dettalji dwar il-produzzjonijiet li ġejjin, li se jtemmu l-istaġun tal-għaxar snin anniversarju ta' ŻfinMalta 2024/25.

## DECADE

*koreografija ta'* **Thick & Tight**

**21-26 ta' April 2025**
Teatru Salesjan, Sliema

Ingħaqad magħna għal programm li jiċċelebra l-għaxar snin anniversarju b'ġimgħa ta' wirjiet, parteċipazzjoni, u avvenimenti speċjali, li jilħaq il-qofol tiegħu fi tmiem il-ġimgħa spettakolari bil-premiere ta' ***DECADE***, koreografija ġdida maħluqa għall-okkażżjoni minn Thick & Tight.

## MORTAL HEROES

*koreografija ta'* **Sita Ostheimer**

**23/24/25 ta' Mejju 2025**
Teatru Manoel, il-Belt Valletta

Splussiv u delikat, aggressiv, u ġentili, ix-xogħol il-ġdid ta' Sita Ostheimer għal ŻfinMalta jieħu lill-udjenza f'dinja fejn il-kliem jiġi sostitwit mill-moviment; l-emozzjonijiet jissiltu, u s-sentimenti jittrasformaw.

Ix-xogħol ta' Sita Ostheimer huwa vjaġġ fit-tfittxija tal-'Oħrajn' permezz tal-lingwaġġ distint tagħha tal-moviment u l-modd kif tuża l-ħoss u d-dawl. F'***Mortal Heroes*** se teħodna fuq vjaġġ ta' awtoriflessjoni profonda u memorja, ta' tluq u ritorn.

*Appoġġjat mill-*
***Ambaxxata tal-Ġermanja f'Malta.***

## VUM-BARALA-ZUNGARÉ U MIN KITIBHA'

**Awwissu 2025**
Fort St. Elmo, Valletta

F'Awwissu, se ssir produzzjoni speċjali bl-isem ta' Vum-Barala-Zungaré u min kitibha, adattament minn Albert Marshall li se jiġbor flimkien lil Teatru Malta, ŻfinMalta, u KorMalta f'wirja storika kollaborattiva fil-Forti Sant'Iermu.



**MORTAL HEROES**

*ritratt ta'* **Alexandra Pace**



# TAGĦLIM U PARTEĊIPAZZJONI

*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

Il-programmi ta' tagħlim u parteċipazzjoni għandhom l-għan li jipprovdu esperjenza ta' tisħiħ, trasformazzjoni u fiduċja fil-kapaċitajiet tal-ġisem u l-moħħ. Esplora u iċċaqlaq permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ għall-etajiet u l-abbiltajiet kollha, jew intilef fiż-żfin bħala spettatur attiv, b'attivitajiet li jinkludu provi miftuħa, u avvenimenti maħsuba biex jgħaqqdu lill-parteċipanti mal-kollaboraturi artistiċi ta' ŻfinMalta.

Għal skedi, avviżi, u aġġornamenti matul l-istaġun, mur fuq zfinmalta.org/education-and-participation u abbona man-newsletter tagħna.

## WORKSHOPS TA' MOVIMENT KREATTIV

***Il-Workshops tal-Moviment Kreattiv*** ta' ŻfinMalta huma l-attività perfetta ta' team building għall-organizzazzjonijiet, gruppi, jew komunitajiet. Kull workshop huwa mfassal għall-ħiliet, l-kuntest u l-eta tal-parteċipanti u huwa mmexxi minn minimu ta' żewġ żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta. Il-workshops jintroduċu lill-parteċipanti għad-dinja taż-żfin u jgħinuhom jesploraw aktar fil-fond ir-relazzjoni tagħhom maż-żfin u l-moviment. Il-Workshops tal-Moviment Kreattiv iħeġġu lill-parteċipanti biex jidħlu fi spazju sigur u kkurat, u jesploraw kunċetti ġodda mil-lenti tal-moviment.

Ikkuntattja lill-Maniġer tal-Edukazzjoni u l-Outreach Martina Zammit biex titlob struttura jew proposta ta' workshop dettaljata: martina.d.zammit@zfinmalta.mt

## ĊAQLAQ PROGRAMM GĦALL-ISKEJJEL

Dan l-istaġun Il-programm għall-iskejjel ta' ŻfinMalta huwa aktar b'saħħtu minn qatt qabel, bil-għan li jaqsam il-qawwa trasformattiva tal-moviment mal-istudenti żgħażagħ f'Malta. Immexxija miż-żeffiena tal-kumpanija, il-programmi fl-iskejjel ta' ŻfinMalta huma tal-ogħla livell ta' żfin u jiffukaw fuq il-livelli tal-edukazzjoni pre-primarja, primarja, sekondarja, u terzjarja, fis-sigurta tal-klassi tagħhom stess. Il-programmi huma mfassla għal studenti ta' kull eta u sfond, u maħluqa bl-ethos li ż-żfin huwa mezz li bih kulħadd jista' jesperjenza u jesplora l-kreattivita u l-immaġinazzjoni tiegħu.

Ikkuntattja lill-Artista tal-Edukazzjoni u l-Outreach Martina Zammit biex tiddiskuti programm ***ĊaQlaQ*** l-aktar adattat għall-istudenti u l-ambjent tiegħek martina.d.zammit@zfinmalta.mt





*ritratt ta'* **Alexandra Pace**



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

## OPEN CLASSES GĦALL-KUMPANIJA

**mit-Tnejn sal-Ġimgħa / 10:00**
ŻfinMalta Studios, il-Belt Valletta

Jibda minn Settembru 2024.

Għal ġimgħa, kull xahar, ŻfinMalta tiftaħ il-bibien tagħha għal żeffiena professjonali u studenti f'taħriġ vokazzjonali biex jingħaqdu maż-żeffiena tal-kumpanija għall-prattika tagħhom kull filgħodu. Immexxija minn grupp ta' għalliema lokali u internazzjonali, il-klassijiet huma varjati u joffru sfida filwaqt li jinkludu prattiċi somatiċi, kontemporanji, tal-ballet u tal-yoga. L-Open Classes tal-kumpanija ŻfinMalta jipprovdu spazju sigur u inklużiv għaż-żeffiena biex jiżviluppaw il-prattika professjonali, jagħmlu konnessjonijiet ġodda, u jesperjenzaw il-ħajja fi ħdan il-kumpanija nazzjonali taż-żfin ta' Malta. Il-klassijiet huma miftuħa għal żeffiena ta' esperjenza ta' 18-il sena jew aktar, u studenti taħt it-18-il sena huma aċċettati fuq bażi ta' każ b'każ.

*biljetti* **showshappening.com**

**Età** 18+
**Ħlas** €10 għal kull sessjoni /
5 sessjonijiet għal €35 *(booking fees apply)*

## INTENSIVI TAŻ-ŻFIN

ŻfinMalta Studios, il-Belt Valletta

L-intensivi ta' ŻfinMalta jipprovdu opportunitajiet siewja kemm għal żeffiena professjonali kif ukoll għal dawk li qed jaspiraw li jsiru żeffiena.

Il-parteċipanti għandhom iċ-ċans li jesploraw firxa wiesgħa ta' tekniki, metodi ta' taħriġ, u għalliema, kollha mfassla biex jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali tagħhom. L-involviment ma' artisti rinomati minn diversi sfondi fis-settur taż-żfin professjonali jagħti lill-istudenti esperjenza biex tikkumplimenta t-taħriġ regolari tagħhom. Għal dawk ġodda fil-moviment, ŻfinMalta toffri intensivi ffukati fuq esplorazzjoni kreattiva, li jrawmu l-immaġinazzjoni tal-parteċipanti u li japprofondixxu l-konnessjoni tagħhom mal-moviment permezz ta' workshops divertenti u aċċessibbli.

Dance Intensives se jitħabbru fuq il-midja soċjali, is-sit u n-newsletter ta' ŻfinMalta.

*dettalji* **zfinmalta.org/events**

## IŻFEN MA' ŻFINMALTA: KLASSIJIET GĦALL-KOMUNITÀ ADULTA

**Settembru 2024 - Ġunju 2025 / 19:00 - 20:30**
ŻfinMalta Studios, il-Belt Valletta

Iċċaqlaq permezz tal-klassijiet taż-żfin għall-adulti ta' ŻfinMalta, immexxija minn għalliema esperti li joffru prattiċi tal-ballet, kontemporanji, prattiċi somatiċi, u yoga. Miftuħa għall-parteċipanti minn kull sfond u livelli ta' fitness u flessibilita, dawn il-klassijiet divertenti u aċċessibbli jindirizzaw il-ħtieġa fundamentali tagħna li niċċaqalqu. L-aktar importanti, l-ebda esperjenza fiż-żfin mhi meħtieġa.

L-istaġun 2024/25 iġib miegħu għadd ta' għalliema ġodda b'varjeta ta' esperjenzi. Il-formazzjoni ta' dan l-istaġun tinkludi lil Douglas Comley, Zoe Camilleri, Julienne Schembri, Sarah Vella, Lotte La Haye, u Emma Walker.

*biljetti* **zfinmalta.org**

**Età** 18+
**Ħlas** €12 għal kull sessjoni /
pakkett ta' kull xahar għal €40 *(4 sessjonijiet)*

## PROVI MIFTUĦA

ŻfinMalta Studios, il-Belt Valletta

Il-Provi Miftuħa jieħdu lill-udjenzi wara l-kwinti tal-produzzjonijiet ta' ŻfinMalta waqt il-proċess tal-ħolqien. Din hija opportunità rari biex tara x-xogħol qabel il-lejl tal-ftuħ u tesperjenza l-proċess ta' dak li jkun għaddej biex issir produzzjoni taż-żfin għall-palk. Ingħaqad magħna fil-provi miftuħa għal kull produzzjoni matul l-istaġun biex tara liż-żeffiena jaħdmu u tiltaqa' mal-ħafna kollaboraturi artistiċi li jagħtu l-ħajja lix-xogħol.

*biljetti* **showshappening.com***

**Ħlas** €5

** Ixtri l-biljett tiegħek għall-wirja u ppreżentah fil-Provi Miftuħa rilevanti għal dħul b'xejn*



# ŻVILUPP PROFESSJONALI

*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

## AIR2025 – ARTIST IN RESIDENCE

**Sejħa miftuħa fi Frar 2025**
**Residenzi se jsiru fl-2025**
ŻfinMalta Studios, il-Belt Valletta

Issa fis-sitt sena tiegħu, il-programm ŻfinMalta Artist in Residence (AiR) jappoġġja artisti bbażati f'Malta li jirriċerkaw u jesploraw iż-żfin u l-koreografija. AiR hija opportunita għall-artisti taż-żfin emerġenti biex jesploraw l-ideat tagħhom f'kuntest ġdid, u jkollhom aċċess għal spazju biex jirriċerkaw, jesperimentaw, jieħdu r-riskji, u jiskopru modi ġodda kif jiżviluppaw u jippreżentaw ix-xogħol tagħhom. Filwaqt li l-korjografija hija l-esplorazzjoni ċentrali tar-residenza, dawk li jikkrejaw xogħol minn kull sfond artistiku huma mħeġġa
japplikaw.

L-applikazzjonijiet għall-programm AiR ta' ŻfinMalta se jiftħu aktar tard dan l-istaġun. Segwi l-midja soċjali tagħna għal avviżi, u ara sejħiet miftuħa fuq il-websajt tagħna.

*dettalji* **zfinmalta.org/opportunities**

## SESSJONIJIET FL-ISTUDJO

ŻfinMalta għandha l-għan li tappoġġja u trawwem artisti u żfiena b'din l-inizjattiva eċċitanti li qed tiġi mnedija f'dan l-istaġun, Sessjonijiet fl-istudjos jiftaħ l-istudjos ta' ŻfinMalta għall-użu tal-artisti, u jipprovdi spazju għall-ħolqien u riċerka, jew prattika. L-użu tal-istudjos jingħata permezz ta' donazzjoni, u soġġett għaddisponibbilta flimkien mal-programm artistiku tal-kumpanija.
Għal aġġornamenti dwar din l-inizjattiva segwi l-midja soċjali u l-websajt ta' ŻfinMalta għall-avviżi.

*biljetti* **project@zfinmalta.mt**





*ritratt ta'* **Alexandra Pace**



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

# RIŻORSI ONLINE

## ŻFINPODCASTS
**KONVERSAZZJONIJIET DWAR IŻ-ŻFIN**

Żur l-arkivju tagħna ta' poddati, li jenfasizza l-għadd kbir ta' modi li ż-żfin iħalli mpatt fuq ħajjitna, filwat li niftakru li kulħadd għandu relazzjoni mal-moviment, u kulħadd għandu esperjenza taż-żfin. Hija wkoll opportunita biex nesploraw l-opinjonijiet, l-ideat u l-perspettivi tal-ħafna ilħna fl-ekoloġija kulturali tagħna. F'dawn l-intervisti ma' membri tat-tim ta' ŻfinMalta, nagħtu ħarsa lejn il-ħajja u l-imħuħ taż-żeffiena u l-korjografi, kif ukoll artisti li jaħdmu f'dixxiplini oħra, dawk li jfasslu l-politika, kuraturi, kittieba, diretturi, u ħassieba, li ħafna minnhom huma wkoll il-kollaboraturi tagħna.

## ŻFINSTORIES
**STEJJER TAŻ-ŻFIN FUQ FILM**

Staġun ġdid ta' ŻfinStories! Parzjalment dokumentarju, parti jum fil-ħajja taż-żeffiena, ŻfinStories tieħdok minn wara l-kwinti maż-żeffiena tal-kumpanija ta' ŻfinMalta. Din is-sensiela ta' films qosra kommoventi, u kultant umoristiċi, inħolqot b'kollaborazzjoni mad-direttur rebbieħ tal-premjijiet James Vernon. Kull episodju huwa kemm esplorazzjoni tal-proċess tal-ħolqien artistiku kif ukoll ħarsa lejn il-ħajja taż-żeffiena professjonali tal-kumpanija ta' ŻfinMalta.

## ŻFINBLINKS
**KIF ISIR IŻ-ŻFIN**

Qosra u qawwija, kif jissuġġerixxi l-isem, ŻfinBlinks hija sensiela ta' vidjows u animati li jesploraw għodod koreografiċi differenti u l-iżvilupp tagħhom maż-żmien, u jagħtu għodda lill-udjenzi. Permezz tal-analiżi ta' firxa ta' xogħlijiet, ŻfinBlinks iħarsu lejn kif jinħoloq iż-żfin, billi jistaqsu mistoqsijiet bħal: Kif il-koreografi jiġġeneraw materjal? X'inhi firma ta' moviment? Liema metodi jintużaw biex tiġi strutturata kompożizzjoni?



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

# IL-KUMPANIJA

## ŻEFFIENA TAL-KUMPANIJA



### ANDREA BIAGIONI

Imwieled l-Italja fl-1998, l-ewwel esperjenza ta' Andrea Biagioni fiż-żfin kienet iż-żfin urban. Huwa tħarreġ fiż-żfin mill-età ta' dsatax-il sena. Mill-2019 ħadem ma' diversi kumpaniji fl-Italja u barra minn Malta u wettaq xogħlijiet ta' Ogmia, Alexander Ekamn, Maud Le Pladec, Staatstheater Stuttgart, u Komische Oper Berlin, Staatstheater Hannover, Kodance&co, Michele Merola, u ResExtensa, fuq palkijiet madwar l-Ewropa u l-Asja.



### MARTí BLANCO ROMEU

Imwieled f'Barċellona fl-2001, Martí beda jiżfen fi skola primarja fejn iż-żfin kien imħallat mal-mużika, aktar tard studja fil-konservatorju taż-żfin professjonali tal-Institut del Teatre, Barċellona, fejn ħadem ma' diversi żeffiena mistiedna u koreografi stabbiliti. Martí ggradwa fiż-żfin kontemporanju fl-2020 u sussegwentement ingħaqad ma' IT Dansa, Barċellona, bħala apprendist għall-ewwel sena u mbagħad bħala żeffien tal-kumpanija. Matul iż-żmien tiegħu ma' IT Dansa ħadem ma' repertorju estensiv u varjat ta' koreografi bħal Akram Khan, Alexander Ekman, Cayetano Soto, u Ohad Naharin, fost oħrajn.



### PEARL CALLEJA

Imwieled Malta fl-2002, Pearl bdiet iż-żfin fl-età ta' ħames snin u tħarrġet fil-ballet klassiku, żfin kontemporanju, u Spanjol. Hija ggradwat mis-Seed Dance Studios fl-2019 u kompliet l-istudji tagħha fil-kontemporanju fid-DAF (Dance Arts Faculty) f'Ruma taħt id-direzzjoni ta' Mauro Astolfi. Pearl ħadmet ma' artisti fosthom Michele Merola, Emanuele Soavi, Roberto Scafati, Francesca Pennini, Roy Assaf, Tania Carvalho, Emanuel Gat, Mauro Bigonzetti, u Paolo Mangiola. Pearl kienet ukoll nominata għall-Premju Artist Żgħażagħ tas-Sena fl-edizzjoni tal-2022 tal-Premju ghall-Arti. Hija ngħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendista fl-2020 u bħala żeffiena tal-kumpanija fl-2021.



### LIDIA CARICASOLE

Imwielda l-Italja fl-1997, Lidia bdiet l-edukazzjoni taż-żfin fil-Vic Ballet Academy f'Verona. Fl-2021, iggradwat b'Baċellerat tal-Arti fiż-Żfin minn The Juilliard School f'NYC, taħt id-direzzjoni ta' Alicia Graf Mack. Lidia żifnet fir-repertorju ta' José Limon, Paul Taylor u Martha Graham, kif ukoll f'kreazzjonijiet ġodda ta' Ohad Naharin, Bryan Arias, Spencer Dickaus, Jianhui Wang, Andrea Miller, u Matthew Neenan. Hija ngħatat il-Juilliard Career Advancement Fellowship mill-2021-2013. Lidia ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2022 u esegwiet xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Emanuel Gat, Mauro Bigonzetti, Tânia Carvalho, Roy Assaf u Ambra Senatore, fost oħrajn.



### LOTTE LA HAYE

Lotte La Haye twieldet l-Olanda fl-2000. Mill-2009 l-edukazzjoni taż-żfin tagħha fir-Royal Conservatoire of The Hague inkludiet kemm l-Iskola għat-Talent Żagħżugħ kif ukoll il-Programm tal-Baċellerat tal-HBO. Mill-2014-2018 kienet parti mill-Young Talent Project ta' NDT, tiżfen f'xogħlijiet ta' Jiří Kylián, Johan Inger u Ohad Naharin. Lotte saret apprendista ma' Scapino Ballet Rotterdam fl-2018 taħt Ed Wubbe. Hija ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2021.



### KEITH MICALLEF

Imwieled fl-1993, Keith beda t-taħriġ taż-żfin ta' 12-il sena taħt Theresa Lungaro Mifsud f'The Dance Workshop. Huwa tħarreġ fil-ballet klassiku fil-Metodu Cecchetti, u kiseb Distinzjoni fil-livell Advanced 2. Huwa tħarreġ ukoll fi stili ta' żfin kontemporanju u flamenco. Keith ingħaqad ma' ŻfinMalta fl-2014, u minn dakinhar wettaq xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Jacopo Godani, Jose Agudo, Roy Assaf, Iván Pérez Avilés u Emanuel Gat, fost oħrajn. Qabel ma ngħaqad mal-kumpanija, Keith ggradwa mill-Università ta' Malta bi Grad fl-Istudji Legali.

## ŻEFFIENA TAL-KUMPANIJA *IKOMPLI*



**HUGO OLAGNON**

Franko-Taljan, Hugo Olagnon beda jiżfen ma' Acrobatic Rock u Boogie Woogie f'kompetizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali fejn spiċċa seba' darbiet Champion Franċiż, u t-3 fit-Tazza tad-Dinja tal-2013. Wara li tħarreġ fiż-żfin kontemporanju u klassiku ma' Jean-Claude Gallotta, tħarreġ taħt Anne-Marie Porras f'Montpellier sal-2017. Hugo wettaq xogħlijiet ta' Shahar Binyamini u Ohad Naharin. Żifen mal-Ballet National de Marseille taħt (La)Horde, u ma' Avshalom Pollak Dance Company. Bħala artist freelance dan l-aħħar ħadem ma' Damien Jalet għall-Opra ta' Pariġi, Richard Wherlock f'Basel, u ma' Alexander Ekman għaċ-Ċerimonja tal-Paralimpiji tal-2024.



**SIMON RICCARDI-ZANI**

Imwieled fl-1998 f'Nizza, Franza, Simon beda t-taħriġ taż-żfin ta' tmien snin, u kompla l-istudji tiegħu fl-Iskola tal-Ballet tal-Opera ta' Pariġi. Huwa kompla l-edukazzjoni tiegħu fiż-żfin kontemporanju u ggradwa fl-2019 mill-Konservatorju Nazzjonali ta' Pariġi. Simon ingħaqad ma' ŻfinMalta fl-istess sena, u minn dakinhar wettaq xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Roy Assaf, Emanuel Gat, Jacopo Godani, Tânia Carvalho, fost oħrajn. L-ewwel xogħol koreografiku ta' Simon ġie kkummissjonat fl-2022 bħala parti mill-programm bjennali ŻfinMade.



**MARIO MANARA**

Mario Manara trabba fl-Italja u beda jiżfen minn età żgħira fil-Vic Ballet Academy f'Verona flimkien ma' kumpanija lokali tat-teatru. Manara tħarreġ f'Rambert School of Ballet and Contemporary Dance, u ggradwa b'BA tal-ewwel klassi (Hons) fl-2020. Matul iż-żmien tiegħu fl-Iskola Rambert, Mario kellu ċ-ċans jaħdem ma' korjografi fosthom Christopher Bruce, Mark Bruce u Thick & Tight. Huwa kellu wkoll l-opportunità li jwettaq ix-xogħol tiegħu stess fil-Lilian Baylis f'Sadler's Wells. Mario mbagħad ingħaqad ma' VERVE, il-kumpanija ta' wara l-lawrja tat-Northern School of Contemporary Dance, fl-2021, waqt li daret xogħlijiet ta' Matthew William Robinson, Botis Seva, Caroline Finn u Barnaby Booth. Huwa ingħaqad ma' NDCWales fl-2022 u wettaq xogħlijiet minn Andrea Costanzo Martini, Caroline Finn, Marcos Morau, Matthew William Robinson u Melanie Lane fost oħrajn. Mario ser ikun qed jingħaqad mal-kumpanija f'Jannar 2025.



**AMBER VAN VEEN**

Imwielda fl-1999 f'Amsterdam, Amber bdiet it-taħriġ tagħha fl-Akkademja Nazzjonali tal-Ballet Olandiża u temmet l-edukazzjoni tagħha fl-iskola Royal Ballet ta' Antwerp. Wara li gradwat fl-2018, hija rreġistrata bħala trainee mal-Ballet Flanders, fejn kellha l-opportunità li taħdem ma' korjografi fosthom Akram Khan, Jean-Christophe Maillot u Alexander Ekman, taħt id-direzzjoni artistika ta' Sidi Larbi Cherkaoui. Kienet ukoll apprendista fl-International Danstheater f'Amsterdam, u daret għal sena l-Olanda u l-Belġju. Amber ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2019.

## ŻEFFIENA APPRENTISTI



**LUKE BUGEJA GAUCI**

Luke beda l-karriera taż-żfin f'Malta f'The Dance Workshop, taħt id-direzzjoni ta' Theresa Lungaro. Wara kompla l-istudji tiegħu taż-żfin barra minn Malta, ħadem ma' diversi korjografi u kkollabora f'firxa ta' proġetti u wirjiet kemm f'Malta kif ukoll barra. Luke ingħaqad ma' ŻfinMalta bħala apprendist fl-2024.



**NICOLE CHETCUTI**

Nicole Chetcuti twieldet fl-2002. It-taħriġ tagħha kien jikkonsisti f'diversi ġeneri ta' żfin fosthom stili ta' ballet, kontemporanju, Spanjol u Urban. Nicole kompliet it-taħriġ kontemporanju tagħha fit-Northern School of Contemporary Dance f'Leeds u gradwat fl-2023. Minn dakinhar ivvjaġġat il-Ġermanja, Los Angeles, Seattle u l-Olanda bħala artista freelance. Il-punti ewlenin jinkludu l-ħidma ma' Saju Hari, Gracefool Collective, Vidya Patel, Joseph Mercier, u Imogen Reeve. Nicole ingħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendista fl-2024.

## IL-KUMPANIJA



**MATTHEW WILLIAM ROBINSON**
DIRETTUR ARTISTIKU

Id-Direttur Artistiku Matthew William Robinson jingħaqad ma' ŻfinMalta fl-2024 għall-11 staġun tiegħu. Il-viżjoni ta' Robinson għall-kumpanija hija mfassla mill-karriera distinta tiegħu stess bħala żeffien, korjografu, direttur tal-provi u direttur artistiku.

Ix-xogħol korjografiku tiegħu mexa b'mod estensiv madwar ir-Renju Unit u internazzjonalment għal postijiet u festivals fl-Ewropa u lil hinn. Fil-kollaborazzjoni bejn il-forom, Robinson huwa impenjat fi sħubiji kollaborattivi kontinwi u emerġenti fl-oqsma tal-ħoss, il-moda, it-teatru u t-teknoloġija.

Għal ħafna snin Robinson kien parti integrali minn Scottish Dance Theatre bħala żeffien u direttur tal-provi, u wettaq xogħol minn firxa ta' koreografi internazzjonali. Mill-2016 kien Direttur Artistiku ta' VERVE fejn żviluppa r-reputazzjoni tal-kumpanija għall-kummissjonar kuraġġuż u l-kwalità tat-taħriġ artistiku li toffri artisti taż-żfin emerġenti. Fl-2021 Robinson sar Direttur Artistiku tan-National Dance Company Wales. B'għeruq f'kollaborazzjonijiet kuraġġużi, ix-xogħol artistiku tal-kumpanija ħaddan perspettivi diversi u vokabularji innovattivi, u ffurmaw programmi uniċi li ispiraw internazzjonalment. Matthew huwa gradwat ta' London Contemporary Dance School.



**BRENDA LEE GRECH**
DIRETTUR ARTISTIKU ASSOĊJAT

L-artista Maltija Brenda Lee Grech għandha portafoll divers kemm fit-teatru u l-films kif ukoll fis-settur taż-żfin. Lokalment, hija tħarrġet taħt id-direzzjoni ta' Johane Casabene qabel nediet il-karriera professjonali tagħha internazzjonalment, mifruxa fuq 20 sena. Hija ħadmet f'diversi kapaċitajiet mal-Ballet d'Europe, Scottish Ballet, Rambert, Punchdrunk u Dancers Career Development. Bħala performer hija kkollaborat ma' u esegwiet xogħlijiet ta' Kylian, Forsyth, Bourne, McGregor, Schecter, Eyal, Cherkaoui, Doyle u ħafna oħrajn, waqt li daret fl-Ewropa, l-Asja, l-Awstralja u l-Istati Uniti. Lokalment dehret bħala l-Kap tal-Ġurija fil-programm tat-talent televiżiv Brillanti, serje ta' żfin kompetittiv, fl-2023. Brenda ingħaqdet ma' ŻfinMalta l-ewwel direttur tal-provi taħt id-direzzjoni artistika ta' Paolo Mangiola u nħatret Direttur Artistiku Assoċjat fl-2024.



**NICOLE BEARMAN**
PRODUTTUR ARTISTIKU

Nicole hija producer kreattiva b'aktar minn 25 sena esperjenza fil-ħolqien ta' programmi, avvenimenti u pubblikazzjonijiet għal spazji tal-arti kontemporanja, mużewijiet, universitajiet, u festivals, inklużi ŻfinMalta, Blitz Valletta, Malta Design Week, il-Mużew tal-Arti u x-Xjenzi Applikati, Sydney, il-Biennale ta' Sydney, Sydney Design Festival, u Australian Design Centre. Hija ħadmet b'mod estensiv kemm bħala editur kif ukoll bħala kontributur għal bosta rivisti internazzjonali tal-arti, l-arkitettura u d-disinn. Nicole għandha lawrji fl-Arti Viżwali u l-Istudji tal-Mużewijiet, it-tnejn mill-Università ta' Sydney. Hija ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2019 bħala Producer ta' 'Threaded Fine', minn Rosemary Lee, u fl-2020 inħatret bħala Producer tal-kumpanija.



**MARTINA ZAMMIT**
MANIĠER GĦALL-EDUKAZZJONI U L-OUTREACH

Martina twieldet Malta fl-1987. L-ewwel żifnet mal-Olivia Dow School of Russian Ballet f'Malta, fejn studjat il-*Legat System*. Martina temmet tliet lawrji fl-Università ta' Malta, aċċellerat fl-Ingliż u fl-Arkeoloġija, u segwit minn Masters fil-Letteratura u l-Kritika Ingliża, Moderna u Kontemporanja. Imbagħad ħadet Bachelor of Dance Studies, fejn ġiet introdotta għaż-żfin kontemporanju. Martina ingħaqdet ma' ŻfinMalta bħala żeffiena tal-kumpanija fl-2014, u mill-2018 ilha fir-rwol ta' Maniġer għall-Edukazzjoni u Outreach.

## IL-KUMPANIJA *IKOMPLI*



**SUZANNA NIKOLIC**
MARKETING & COMMUNICATIONS MANAGER

Imwielda Malta, Suzanna iggradwat mill-Università ta' Malta b'Baċellerat fil-Kummerċ fl-2019. Kompliet l-istudji tagħha fl-Università ta' Lund fl-Isvezja fejn kisbet master's degree in international marketing and strategic brand management. Suzanna ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2023. Apparti li tiżgura li l-preżenża ta' ŻfinMalta hija magħrufa sew u kontinwament taġġorna ruħha, hija tassew tieħu gost tkun attiva fl-isports u fl-ivvjaġġar.



**EMMA LOUISE WALKER**
CREATIVE LEARNING AND CONTENT OFFICER

Emma twieldet fir-Renju Unit. Hija ġiet aċċettata bħala assoċjata fir-Royal Ballet School, u pparteċipat f''Blink Margate', mal-Kumpanija Wayne McGregor. Aktar tard iggradwat bl-Unuri tal-Ewwel Klassi mis-Cenbtral School of Ballet u ntgħażlet għas-sena pilota tal-programm AKX ta' Akram Khan. Fl-2018, Emma daret ir-Renju Unit bil-produzzjoni tat-teatru DeNada Dance 'Toro,' ta' Carlos Pons Guerra. Emma ingħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendista fl-2015, u żeffiena full-time fl-2018, taħdem ma' koreografi fosthom Paolo Mangiola, Jacopo Godani, u Tânia Carvalho. Emma issa taħdem għal ŻfinMalta fil-marketing, il-ħolqien tal-kontenut u l-edukazzjoni.



**MOHAMAD ALI 'DALI' AGUERB**
TECHNICAL MANAGER

Dali huwa attivist u artist LGBTQI+ imwieled fit-Tuneżija u bbażat f'Malta. Ix-xogħol tiegħu jaqsam il-prestazzjoni, il-politika u l-ġustizzja soċjali. Bħala disinjatur tad-dawl u direttur tekniku, Dali ħadem fuq varjetà ta' produzzjonijiet, minn teatru sa produzzjonijiet ta' opra fuq skala kbira. Il-kompetenza tiegħu fid-dawl tal-palk u l-ġestjoni teknika tiżgura li kull produzzjoni taħdem bla xkiel u tagħti esperjenza viżwalment stupenda.





*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

## L-IMSIEĦBA TAGĦNA

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

## SPONSOR TAL-ISTAĠUN

FACES®

VisitMalta · medirect · OM OSTEOPATHY MALTA · EDEN CINEMAS

Istituto Italiano di Cultura La Valletta · Ambassade de France à Malte · Embassy of the Federal Republic of Germany Valletta

**Grazzi lill-imsieħba tal-akkomodazzjoni tagħna** Anna Maria Camilleri, Elisa u Simon Grech

## ISSAPPORTJANA

L-appoġġ tiegħek lil ŻfinMalta jiżgura li nkomplu nwettqu u nikrejaw bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin taż-żfin kontemporanju tar-reġjun. Billi tinvolvi ruħek tkun qed tipprovdi appoġġ vitali għall-programmazzjoni u l-produzzjonijiet artistiċi tagħna, il-programm tat-tours, l-attivitajiet ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni għall-etajiet kollha, u l-programmi ta' żvilupp professjonali. L-aktar importanti, int se taqsam mis-sbuħija u l-ferħ taż-żfin kontemporanju. Ir-rigal tiegħek, irrispettivament mid-daqs tiegħu, jiswa ħafna għalina.

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

**NICOLE BEARMAN**
PRODUTTUR ARTISTIKU

+356 99999520
nicole.bearman@zfinmalta.mt

## ĊIRKU TA' DIRETTURI ARTISTIĊI

Valeria u Jordi Goetstouwers Odena
Dr Joanna Delia
Samantha Rowe-Beddoe u Gregory Nasmyth

**Editur** Nicole Bearman
**Ritratti** Alexandra Pace
**Disinn** Bloom Creative

## GOVERNANZA NAPA

### BOARD TA' DIRETTURI

**ALISON WHITE**
ĊERPERSON

**KATE DE CESARE**
**ANDREA CASSAR**
**MARY ANN CAUCHI**
**JOANNE BUTTERWORTH**
**FELIX BUSUTTIL**
**ADRIAN MAMO**

### TIM EŻEKUTTIV

**DOMINIC GALEA**
KAP EZEKKUTIV

**CHRISTABEL BORG PRECA**
DEPUTAT DIRETTUR

ŻfinMalta il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin hija parti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti tal-Ispettaklu (NAPA), aġenzija pubblika li tipprovdi qafas legali, amministrattiv u organizzattiv konġunt għal KorMalta, Teatru Malta u ŻfinMalta.

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA) twaqqfet fl-2023 bil-għan distint li tgħolli l-profil tal-arti tal-performattiva f'Malta, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Bħala l-aġenzija ewlenija għal l-arti performattiva, l-għan tagħha huwa li jkollha rwol attiv fit-tfassil tal-politika u l-promozzjoni tal-arti bħala dixxiplina fl-aspetti kollha tagħha – minn backstage sal-palk, mill-amministrazzjoni għall-prestazzjoni u mill-iżvilupp għal wirt – permezz tal-ħolqien ta' strateġija ta' sostenibbiltà għas-settur innifsu u għas-settur li jopera fih, kif ukoll sinerġiji ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs) oħrajn u s-settur privat.

Fil-kontribut tagħha lejn opportunitajiet ġusti u sostenibbli ta' imġaġġ fi ħdan l-arti, NAPA tamministra u ssostni t-tliet kumpaniji nazzjonali tat-teatru, żfin u kor – Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta. L-istruttura organizzattiva tagħha ġiet imfassla biex issaħħaħ il-viżjonijiet artistiċi rispettivi, l-iżvilupp, preżenża, u l-identitajiet ta' Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta filwaqt li tiżgura li huma distinti b'mod uniku biex kull wieħed jipproduċi programm artistiku waħdu annwali, iżda sinerġizzati permezz ta' koproduzzjonijiet u kollaborazzjonijiet għal udjenza lokali u internazzjonali.

L-Aġenzija hija mmexxija minn Bord tad-Diretturi u Chairperson u qed titmexxa minn Mro. Dominic Galea bħala Kap Eżekuttiv, id-Deputat Direttur Christabel Borg Preca, u tliet Diretturi Artistiċi.

NAPA National Agency for the Performing Arts



*ritratt ta'* **Alexandra Pace**

2024 2025

# ROYAL BALLET & OPERA



## THE ROYAL OPERA

**THE MARRIAGE OF FIGARO**
LIVE SEP 10 2024
ENCORE SEP 15 2024

**THE TALES OF HOFFMAN**
LIVE JAN 15 2025
ENCORE JAN 19 2025

**TURANDOT**
LIVE APR 1 2025
ENCORE APR 6 2025

**DIE WALKURE**
LIVE MAY 14 2025
ENCORE MAYN 18 2025

## THE ROYAL BALLET

**ALICE'S ADVENTURES IN WONDERLAND**
LIVE OCT 15 2024
ENCORE OCT 20 2024

**CINDERELLA**
LIVE DEC 10 2024
ENCORE DEC 15 2024

**THE NUTCRACKER**
LIVE DEC 17 2024
ENCORE DEC 22 2024
DEC 28 2024

**SWAN LAKE**
LIVE FEB 27 2025
ENCORE MAR 2 2025

**ROMEO & JULIET**
LIVE MAR 20 2025
ENCORE MAR 23 2025

**BALLET TO BROADWAY**
LIVE MAY 22 2025
ENCORE MAY 25 2025

WWW.EDENCINEMAS.COM.MT

ROYAL BALLET & OPERA · FESTIVALS Malta · EDEN CINEMAS · Eden CineArts · ENCORE · ŻFINMALTA

ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY